MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 207/2003

**Vodafone Malta Limited**

**Vs**

**James Seeley Spencer**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm367.48c (tliet mija u sebgha u sittin lira Maltin u tmienja u erbghin centezmu) rappresentanti servizzi rezi mis-socjeta' attrici lill-konvenut in konnessjoni ma' mobile phone bin-numru 9944 1701.

Il-konvenut interpellat sabiex ihallas diversi drabi baqa' inadempjenti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment u bl-interessi kontra l-konvenut mid-data meta l-ammont pretiz fl-Avviz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv.

Ra li l-konvenut baqa' kontumaci;

Sema' li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------